**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Aldo Muscat**

Numru: 789/2006

Illum 28 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Aldo Muscat** detentur tal-Karta tal-Identità bin-Numru 255872(M), akkuzat talli nhar il-21 ta' Dicembru 2005 u fiz-zminijiet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

1. approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor mis-somma ta' Lm-, flus ta' haddiehor li gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju cioé Lm300.00 u dan ghad-dannu ta' Joseph Johnson.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 4).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 52).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef Dr. Silvio Camilleri (*a fol.* 81 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 85), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 87 *et seq.*), is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2014, xehed **Emanuel Agius** (*a fol.* 53) fejn spjega li bhala Awtorita' Tat-Turizmu kienu rcevew ilment fit-23 ta' Jannar 2006 minn ghand certu konjugi Johnson liema ilment kien jikkoncerna Mc Car Hire fir-rigward ta' xi *refunds* pretizi. Jghid li fis-6 ta' Marzu 2006 kienet intbaghtet *acknowledgment* lil Johnson mill-Awtorita'. Huwa ezebixxa d-

dokumentazzjoni li giet immarkata bhala Dok. "EA" (*a fol.* 55 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2014, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Josric Mifsud** (*a fol.* 60 *et seq.*) fejn spjega xi investigazzjonijiet ghamel in segwitu ta' rapport li kien ircieva mill-Awtorita' tat-Turizmu fis-sena 2006. Jghid li r-rapport kien dwar tranzazzjoni bejn il-Mc Car Hire u l-*credit card* ta' certu Joseph Johnson fejn Johnson kien kera vettura minn ghand Mc Car Hire u li l-imputat, tal-Mc Car Hire, kien gibed l-*excess* li kienu jinsab ghandu. Huwa kompla jixhed fuq dak li ghamel in segwitu ta' dan ir-rapport. Spjega li baghat ghall-imputat fejn l-imputat kkonferma li huwa kien ghamel it-tranzazzjoni rigwardanti l-*excess* u li din it-tranzazzjoni saret peress li l-vettura in kwistjoni ghalih kienet giet misruqa. Ezebixxa zewg dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JM" u "JM 2" (*a fol.* 63 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' misapproprjazzjoni u cioé meta persuna zzomm hwejjeg li tkun zammet ghal haddiehor u ma troddhomx lura meta hi tkun taf li trid troddhom. Il-Qorti tinnota wkoll li l-persuna li suppost gie kreat dannu fil-konfront tieghu, u cioé Joseph Johnson, li jinsab indikat fl-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, ma tax id-depozizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri. Il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha minghajr ma dan il-persuna xehed. Dak li ghandha l-Qorti huwa semplicement id-depozizzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u d-depozizzjoni ta' persuna ghan-nom tal-Awtorita' tat-Turizmu. Huma pprezentaw numru ta' dokumenti. Ghandu jinghad li l-kwerela ma gietx ezebita.

Illi l-Qorti tinnota li Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor

li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:

**Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti**". [emfazi mizjuda]

Illi, f'dan il-kaz, ma gie pruvat bl-ebda mod li jezistu c-cirkostanzi aggravanti taht Artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema cirkostanzi jgibu l-azzjoni kriminali *ex officio* u dana minkejja li fl-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat jinghad hekk. *Di fatti*, jerga' jigi ribadut li Johnson ma xehedx f'dawn il-proceduri u l-Qorti tinnota li anqas l-imputat ma xehed u anqas ressaq ebda provi!

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-Artikolu kwotat hawn fuq jezigi li ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda ghad-delitt hawn fuq imsemmi hlief bi kwerela tal-parti. Kif diga nghad, il-kwerela ta' Johnson ma gietx ezebita. Il-Qorti tifhem li Artikolu 390(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirritjeni hekk:

"Jekk, matul il-kompilazzjoni, l-imputat ma jitlobx u l-Qorti *ex officio* ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skont il-Liġi".

Illi dan l-Artikolu jinsab elenkat f'Sub-Titolu II ta' Titolu II ta' Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali, liema Sub-Titolu jirrigwarda l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Ghal kull buon fini, il-Qorti tinnota li f'din il-kawza l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kaz tinstema' bi procedura sommarja u li meta sar l-ezami tal-imputat huwa ma oggezzjonax ghal dan il-fatt, u cioé li l-procedura tkun wahda sommarja. Ma jirrizultax li l-imputat talab li tigi pruvata l-kwerela u anqas jirrizulta li l-Qorti kif diversament preseduta ordnat din il-prova. B'hekk, tenut kont ta' Artikolu 390(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kwotat hawn fuq, il-Qorti *tista'* tikkunsidra li l-kwerela saret skond il-ligi.

Illi, sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet bla bzonn dwar jekk verament il-prova tal-kwerela saritx skond il-Ligi jew le, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina x'inhuma l-elementi tar-reat ta' approprijazzjoni indebita. Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex janalizzaw dan ir-reat fosthom fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni et** deciza fid-9 ta' Gunju 1998. F'dan il-kaz il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dan ir-reat:

> "Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor".

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi mdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"* (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffré (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta

ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno:

*Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita é necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprietà, a scopo d'indebito profitto per sè o per un terzo, il dolo sarà costituito dalla volontarietà della conversione con scienza della sua illegittimità, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrerà in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita è (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perché non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza é costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole".*

Illi l-imputat qed jigi akkuzat li wettaq ir-reat ta' misapproprijazzjoni. Ghal darb'ohra l-Qorti tinnota li l-persuna li allegatament gie kreat id-dannu fil-konfront taghha, cioé

Joseph Johnson ma xehedx f'dawn il-proceduri. Huwa ma tax id-depozizzjoni tieghu dwar dak li allegatament gara. Dak li qalu z-zewg xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri jista' jitqies bhallikieku huwa *detto del detto*. Tenut kont ta' dan kollu u tenut kont ta' nuqqasijiet ohra fil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, liema provi mressqa ma jissustanzjawx l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, ma jirrizultax li gew sodisfatti l-elementi hawn fuq elenkati sabiex jigi pruvat ir-reat ta' approprjazzjoni bla jedd u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat Aldo Muscat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registatur**